**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 06/10(17_06_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Ġunju 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-12 ta' Ġunju 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Skemi ta' Enerġija Alternattiva għar-Residenti tal-Lokalita'.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 67/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 16137 rigward it-toroq residenzjali li tlestew permezz ta' fondi li l-Gvern għadda lill-Kunsilli Lokali.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 68/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 16142 rigward il-*Public Convenience*.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 69/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 17275 rigward xi ħaddiem tal-IPSL li jaħdem mal-Kunsill Lokali u qed jagħmel xogħol ta' *Works Manager*.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 70/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġġieri'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 71/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Pubblikazzjoni ta' Popolazzjoni skont il-Lokalita`'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 72/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'A.L. 311 tal-2010 – Regolamenti tal-2010 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet (Lista ta' l-Ispejjeż)'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 73/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 74/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Tqassim ta' Dokumenti lill-Membri tal-Kumitati Amministrattivi'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 75/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'A.L. 119 tal-2002 – Regolamenti tal-2002 dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 76/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 17175 rigward il-ġranet li l-Kunsilli Lokali kollha jiċċelebraw jum il-lokal tagħhom.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 77/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Proċedura Dwar Mistoqsijiet Parlamentari'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 78/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013 Immirata għall-Kunsilli Lokali'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 79/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 17861 rigward Pannelli Fotovoltajiċi.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 80/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Website www.lc.gov.mt'.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 81/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsijiet Parlamentari Numri 18368/18369 rigward ħlasijiet ta' permessi u allokazzjoni ta' siti għal *mobile* kjosks u/jew gabbani.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01635/10 – *To sanction alterations in layout and in facada of existing apartment, carry out additions and alterations and add duplex at second and third floors* fi Triq il-Biżantini u Triq il-Puniċi, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 02203/10 – Biex il-*boathouse* approvata fil-permess PA1308/01 tibda tintuża bħala pizzerija u titwaħħal tabella fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.17 Il-Kunsill irċieva il-Minuti mingħand il-MEUSAC tal-laqgħa li saret fis-26 ta' Mejju 2010, rigward il-'*ERDF call for projects related to energy efficiency and renewable energy sources in infrastructure by Local Councils and Non-Governmental Organisations (NGOs)*'.

2.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Allokazzjoni Finanzjarja Kumitat Amministrattiv Xlendi (Lulju – Diċembru 2010)'.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' rigward il-qasam tas-saħħa mentali.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard rigward il-Kampanja Nazzjonali kontra l-Obeżita' 2010, bl-isem ta' 'Piż Tajjeb għal Ħajtek'.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand iċ-*Chairman* – Kumitat Lejlet Lapsi – Notte Gozitana 2010, Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għall-parteċipazzjoni u s-sehem tal-Kunsill f' din l-esperjenza u pprovda formola sabiex il-Kunsill ikun jista' jwassal il-veduti u suġġerimenti tiegħu.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Inizjattivi li saru permezz ta' l-iskemi li ħarġu dawn l-aħħar sentejn'.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-laqgħa tas-Sindki li kellha ssir f' Mejju 2010 ser issir fl-24 u 25 ta' Settembru 2010, fil-Lukanda Calypso, Marsalforn, Għawdex.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Fondazzjoni Belt Victoria rigward 'Stedina għall-Preżentazzjoni tal-Mużew tal-Bażilika'.

2.25 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01616/10 – *To sanction minor variations from permission PA572/06 and amend site, redesign milking parlour, cooler room and office, add bull box and 8 calf weaning pens, add silo and redesign entrance/exit, amend reservoirs and cess-pits* fl-Entrata ta' Kamleta, limiti tal-Munxar u Applikazzjoni Nru. 02278/10 – *Change of use from bar to restaurant, to change use of store to kitchen, to include first floor as store, fix sign and form access to roof* fi Triq Xatt ix-Xlendi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment tal-Customer Services fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-*Fostering*.

2.27 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 52/2010 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning*.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Minuti fil-website www.lc.gov.mt'.

2.29 Il-Kunsill irċieva il-Minuti mingħand l-Inġinier Renzo Curmi, Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. ta' l-*Information Seminar* organizzat mill-PPCD rigward il-'*ERDF call for projects related to energy efficiency and renewable energy sources in infrastructure by Local Councils and Non-Governmental Organisations (NGOs)*'.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku) rigward il-'European Solar Prize'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq il-Qsajjem, Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex bankina quddiem Ta' Cini Complex titkompla peress li kif inhi hija ta' periklu għall-*pedestrians*. Kien hemm qbil dwar din it-talba.

3.02 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art fil-Munxar. Il-Kunsill intalab sabiex ipoġġi kopja tad-dikjarazzjoni u pjanta tal-post fuq in-*Notice Board* tal-Kunsill.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident tal-Munxar fejn qed jissuġġerixxi li jekk il-lampi jitnaddfu sew, ikunu jistgħu juru aktar dawl. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex issa li t-traffiku għax-Xlendi qed jgħaddi minn Triq Ras il-Bajjada, jkun xieraq li f' din it-triq isiru lampi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-Transport Malta kienet għada kemm waħħlet *cat's eyes* f' nofs tat-triq.

3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment li fi Triq il-Qsajjem qed isir sewqan eċċessiv u sar suġġeriment li jsiru tabelli u *road markings* sabiex it-traffiku jnaqqas l-i*speed.* Għal din il-parti tat-triq il-Kunsill qed jikkonsidra li ssir *speed camera* bħal dik li ser issir fil-Pjazza tal-Knisja.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 06/10(17_06_10).

**5.00 Skemi ta' Enerġija Alternattiva għar-Residenti tal-Lokalita'.**

5.01 Il-Kunsill ikkummissjona lill-Inġinier Renzo Curmi sabiex jagħmel 'Evaluation Report for Expression of Interest for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of Photovoltaic System Packages for Households within the Confines of the Locality of Munxar'. Dan ir-rapport inqara mis-Segretarju Eżekuttiv fejn qed jiġi rrakkomandat li l-Kunsill jiltaqa' mal-Kumpanija Di Natura. Is-Sindku ssuġġerrixxa li l-Kunsill jiltaqa' mat-tliet Kumpaniji li wrew interess f' din l-iskema.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħaddiema ta' l-IPSL għadhom kemm naddfu l-*Playing Field* il-ġdida u għamlu bankina fi Triq San Pawl. Għamlu wkoll *Road Markings* u xogħol ta' żebgħa fuq *railings*. Fil-jiem li għaddew tħawwlu fjuri u pjanti fil-*pots* tax-Xlendi u l-Kuntrattur beda jqaxxar il-wiċċ ta' madwar l-istatwa ta' Sant' Indrija. Il-Kunsill għandu kollox ippreparat sabiex jitwaħħlu ħamsa u għoxrin bank fix-Xlendi.

Il-Kunsill talab lill-Malta Standards Authority sabiex issir spezzjoni lill-*Playing Field* il-ġdida ħalli jkun żgurat li ma jkunx hemm periklu għat-tfal.

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika ppreżenta *cheque* ta' €20,000 mill-Fond ta' Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f' Lokalitajiet Żgħar (memo 27/2010) li huwa nofs l-ammont ta' €40,000 li ser jingħata lill-Kunsill għal spejjeż tal-*Playing Field*.

Is-Sindku attenda għal diversi laqgħat li saru rigward ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq ix-Xlendi. Sadattant, twaħħlu diversi tabelli minħabba *diversion* tat-traffiku għax-Xlendi u fil-Pjazza ser isiru sinjali fl-art ħalli t-traffiku jkun igwidat aħjar.

7.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-Ħadd, 20 ta' Ġunju 2010 ser jiġu x-Xlendi diversi karozzi Cinque Cento bejn it-3 ta' filgħaxija u t-3.30 ta' filgħaxija u rigward il-fanali ta' Triq il-Kantra, ser issir trinka għada sabiex jgħaddi *main* tad-dawl biex jissupplixxi d-dawl lill-istess lampi.

7.03 Is-Sindku attenda dawn il-laqgħat:
Laqgħa mal-Malta Standards Authority dwar Eco Management u Audit Scheme.
Laqgħa ma' Gordon Cordina bi preparazzjoni għall-*pre budget document*.
Laqgħa mal-MEUSAC f' Għawdex dwar ERDF call.
Laqgħa ma' l-Assistent Kummissarju dwar *road diversion* għax-Xlendi.

7.04 Il-Perit Saliba għadu kemm ħa l-kejl tax-xogħol li sar minn MPJ Ltd. fil-*Playing Field* il-ġdida. Il-Perit qed jissuġġerixxi sabiex il-kurduna li saret fil-*Playing Field* tinbarax.

7.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-Transport Malta qed tissuġġerixxi li jsiru *bollards* fuq bankina ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi sabiex ma jkunx jista' jsir *parking* fuq il-bankina.

7.06 Bħala sehem fil-Kampanja tree 4 you, il-Kunsill kien ser iħawwel 10 Brukiet fil-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għadu kemm ġie kkuntatjat mill-Project Manager tal-Planning and Priorities Co-ordination Department fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn urew ix-xewqa li jorganizzaw attivita' fil-5 ta' Settembru 2010, fil-*Playing Field* il-ġdida tal-Munxar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

8.02 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA rigward applikazzjoni li għamel il-Kunsill PA 02277/09 sabiex jinkesa bil-ġebla tal-qawwi l-passaġġ li jagħti għat-Torri tax-Xlendi fejn qed jiġi rrakkomandat li l-permess jingħata iżda trid issir garanzija ta' €1,000. Kien hemm qbil dwar dan.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li skont il-kuntratt li ġie ffirmat fid-19 t' April 2010 ma' Alberta Fire and Security Equipment Ltd. huma għandhom jissupplixxu l-PVs tal-*Playing Field* mhux aktar tard minn tmien ġimgħat, jiġifieri sal-21 ta' Ġunju 2010. Il-Kumpanija qed tgħid li l-pannelli ser jaslu Malta fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju 2010. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika l-multa hekk kif stipulat fid-dokument tas-sejħa.

8.04 Is-Sur Anton Zarb ingħata ordni sabiex jissupplixxi bankijiet u *litter-bins* għall-*Playing Field* il-ġdida. L-ordni ngħatat fil-21 t' April 2010 u l-konsenja trid tasal mhux aktar tard minn xahrejn jiġifieri mhux aktar tard mit-22 ta' Ġunju 2010. Ġie deċiż li jingħata sa l-aħħar ta' Ġunju 2010 u jekk ma jlaħħaqx sa dik id-data, l-bankijiet u *litter-bins* jinxtraw mingħand ħaddieħor.

**9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

9.01 Is-Sur Patrick Grima ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li dak it-terrapien li hemm ma' ġenb ta' Triq il-Munxar għadu ma tneħħiex u jekk il-Kuntrattur qed isib vetturi pparkjati quddiem dan it-terrapien, għandhom isiru tabelli.
Il-Kuntrattur li kien qed jagħmel il-*patching* qata' bix-xafra fejn ser isir il-*patching* u peress li l-*patching* għadu ma sarx, it-tarmak qed jinkiser u qed isiru xi ħofor fit-triq. Is-Sindku informah li l-Kuntrattur intalab kemm–il darba sabiex ikompli bix-xogħol ta' *patching*.

9.02 Is-Sinjura Carmen Said informat lill-Kunsill li int u tiela minn Triq il-Munxar minn-naħa tal-Wied tax-Xlendi hemm *farmhouse* li għandha xtieli ħerġin għal ġot-triq bil-konsegwenza li l-vetturi jaħbtu max-xtieli. Il-Kunsill kien ser ikellem lis-sid sabiex jiżbor ix-xtieli.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.35 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2010, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***